



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10411/23

AG 48
INST 209
JAI 822

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 311 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-QORTI EWROPEA TAL-ĠUSTIZZJA, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 311 final.

Mehmuż: COM(2023) 311 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2023
COM(2023) 311 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-QORTI EWROPEA TAL-
ĠUSTIZZJA, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-QORTI EWROPEA TAL-
AWDITURI, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika

1. Introduzzjoni

Id-demokrazija tal-Unjoni Ewropea tista' biss tiffjorixxi fi klima ta' fiduċja u kunfidenza bejn in-nies u l-istituzzjonijiet li jaqduhom. Id-demokrazija hija b'saħħitha daqs il-leġittimità li tibbaża fuqha. Dan huwa minnu f'kull ħin u saħansitra aktar importanti fi żminijiet ta' kriżijiet multipli li jaffettwaw ħafna lin-nies madwar l-UE, li jridu jkunu jistgħu jafdaw l-istituzzjonijiet tagħha u n-nies li jmexxuhom. L-etika robusta u l-qafas ta' trasparenza huma parti essenzjali mill-governanza tajba u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' fenomeni oħra bħall-korruzzjoni u l-interferenza bla bżonn fil-proċess demokratiku.

L-Unjoni Ewropea diġà għandha standards għoljin ta' governanza u etika. Fejn ikun hemm nuqqasijiet jew fallimenti, hija għandha regoli u proċeduri biex tirrimedjahom. Sabiex tinżamm u tissaħħaħ kontinwament il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u fil-mexxejja tagħhom, il-prinċipji għoljin ta' integrità u trasparenza huma essenzjali, u jridu jiġu rrispettati bis-siġħ. Dawn il-prinċipji huma essenzjali wkoll biex tiġi protetta l-indipendenza tal-istituzzjonijiet u l-integrità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'kull wieħed minnhom u l-leġittimità tal-Unjoni kollha kemm hi. Biex jibqgħu xierqa għall-iskop u biex iwieġbu għat-talbiet taċ-ċittadini, dawn ir-regoli u l-proċeduri jeħtieġu aġġornament kontinwu.

Għalhekk, din l-inizjattiva hija koerenti mal-azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt, mal-pakkett kontra l-korruzzjoni¹ li l-Kummissjoni ppreżentat fit-3 ta' Mejju, mal-pakkett dwar id-difiża tad-demokrazija li jmiss u mal-ftehim interistituzzjonali dwar regjistru ta' trasparenza obligatorju konkluż bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fl-20 ta' Mejju 2021².

L-etika hija l-pedament tal-mod kif l-istituzzjonijiet tal-UE, u n-nies li jagħtu s-servizz fihom, jaħdmu. Għalhekk, it-Trattati Ewropej stabbilew għadd ta' prinċipji u regoli biex jiżguraw il-kondotta tajba tal-membri tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-indipendenza u l-integrità ta' dawn tal-aħħar. Il-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet għażlu li jimplimentaw dawn il-prinċipji u r-regoli f'aktar dettall, kemm fir-regoli ta' proċedura tagħhom, kif ukoll f'Kodiċijiet ta' Kondotta għall-membri tagħhom jew fit-tnejn.

Madankollu, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom oqfsa etiċi differenti fis-seħħ għall-membri rispettivi tagħhom abbażi tad-dispożizzjonijiet differenti fit-Trattati. Filwaqt li xi differenzi jistgħu jiġu spjegati mir-rwoli differenti ta' kull istituzzjoni skont it-Trattati u mir-riskji differenti inerenti fit-twettiq tad-dmirijiet tal-membri, sar ċar li hemm bżonn ta' sett komuni ta' standards etiċi bażiċi u ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet.

Ir-rivelazzjonijiet u l-allegazzjonijiet serji ħafna li nstabu fl-aħħar tas-sena li għaddiet urew li, irrispettivament minn fejn iseħħu u irrispettivament min-numru ta' persuni kkonċernati, dawn għandhom l-effett li jħallu impatt fuq l-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Dan wassal għal sejħiet għal regoli aktar b'saħħithom iżda wkoll għal allinjament ulterjuri tar-regoli u l-mekkaniżmi biex jiġu infurzati sabiex jitneħħa t-tħassib u biex jiġi żgurat li r-regoli applikabbli jkunu koerenti u faċli biex jinftiehem kemm mill-membri kif ukoll miċ-ċittadini.

¹ [Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni: Regoli aktar b'saħħithom għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni](#)

² Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar regjistru obligatorju ta' trasparenza, ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1–17, [EUR-Lex - 32021Q0611\(01\) - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

Fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 13/2019³, il-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni stabbilew, fil-biċċa l-kbira, oqfsa etiċi adegwati (kemm għall-membri kif ukoll għall-persunal). Hija identifikat ukoll ċerti oqsma fejn il-kopertura, l-ispeċifità, iċ-ċarezza u l-livell ta' gwida jistgħu jittejjbu u jiġu armonizzati. Fir-rapport, il-Qorti identifikat ukoll lok għall-kondiviżjoni ta' prattika tajba fost l-istituzzjonijiet dwar kwistjonijiet etiċi.

Madankollu, u għall-kuntrarju tal-persunal, inklużi manijers superjuri, li jaqgħu taħt obbligi etiċi dettaljati stabbiliti mil-leġiżlatur fit-Titolu II tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE adottati abbażi tal-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)⁴, bħalissa ma hemm l-ebda standard etiku minimu komuni għall-membri u l-ebda mekkaniżmu formali li jippermetti l-istabbiliment, il-koordinazzjoni jew l-iskambju ta' fehmiet bejn l-istituzzjonijiet dwar l-istandards etiċi mistennija mill-membri tagħhom. Din l-inizjattiva għandha l-għan li timla din id-diskrepanza, u n-nuqqas ta' standards etiċi minimi komuni għall-membri billi tipproponi l-ħolqien ta' Korp tal-Etika li jkopri l-membri tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE.

Il-Kummissjoni adottat din il-proposta għal ftehim bejn l-istituzzjonijiet u ż-żewġ korpi konsultattivi biex tkopri l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha msemmija fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Għaldaqstant, din il-proposta se tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Fuq talba tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investment jista' wkoll isir Parti għal dan il-Ftehim ladarba jidħol fis-seħħ.

Il-ftehim propost jipprevedi wkoll arranġamenti li jippermettu lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji tal-Unjoni, minbarra l-istituzzjonijiet parteċipanti, biex japplikaw b'mod volontarju s-sett sħiħ ta' standards komuni kurrenti u futuri żviluppati mill-Korp għar-regoli applikabbli għall-persuni, minbarra l-membri tal-persunal tagħhom, li għandhom funzjoni simili għal dawk li jaqgħu taħt dan il-ftehim. F'dan il-każ, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija kkonċernati jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet mal-Korp tal-Etika dwar ir-regoli interni rispettivi tagħhom. Meta jiġu żviluppati standards ġodda jew meta jiġu aġġornati dawk eżistenti jsir skambju ta' fehmiet.

2. Approċċ interistituzzjonali għall-etika u l-integrità

Hija parti mill-awtonomija istituzzjonali ta' kull istituzzjoni, prinċipju tad-dritt tal-UE, li hija stess tadotta r-regoli interni applikabbli għall-membri tagħha. Madankollu, huwa fl-interess taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet kollha li kull waħda minnhom ikollha qafas etiku b'saħħtu fis-seħħ għall-membri tagħha. Ir-reputazzjoni tal-UE kollha kemm hi tiddependi fuq ir-reputazzjoni tal-istituzzjonijiet kollha u l-imġiba etika tal-membri kollha tagħhom.

Il-Linji Gwida Poliċi tal-President tal-Kummissjoni esprimew appoġġ għall-ħolqien ta' tali korp interistituzzjonali tal-etika u minn dak iż-żmien 'l hawn il-Kummissjoni ħadmet lejn dan il-għan flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE

³ [Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2019: L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati: lok għal titjib \(europa.eu\)](#)

⁴ Id-drittijiet u l-obbligi tal-persunal huma stabbiliti fl-Artikolu 11 sal-Artikolu 26a; L-Artikolu 10 jistabbilixxi Kumitat għar-Regolamenti tal-Persunal interistituzzjonali, l-Artikolu 110 jipprovdi obbligu għall-konsultazzjoni tal-Kumitat għar-Regolamenti tal-Persunal interistituzzjonali meta istituzzjoni tadotta dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni; barra minn hekk, jipprevedi l-obbligu tal-istituzzjonijiet li jikkonsultaw lil xulxin b'mod regolari dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, u jistabbilixxi reġistru tar-regoli tal-istituzzjonijiet kollha li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021, il-Parlament Ewropew enfażizza li *“korp tal-etika indipendenti uniku tal-UE jista' jiżgura aħjar l-implimentazzjoni konsistenti u sħiħa tal-istandards tal-etika fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jiggwarantixxi li d-deċiżjonijiet pubbliċi jittieħdu fid-dawl tal-ġid komuni u l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE”*.

Kif spjegat hawn fuq, waħda mir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali⁵ tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-oqfsa etiċi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni hija preċiżament li l-istituzzjonijiet awditjati għandhom jagħmlu aktar sforzi biex jikkondividu l-prattika tajba dwar kwistjonijiet etiċi.

Fil-fatt, ma huwiex biss importanti li kull istituzzjoni Ewropea tistabbilixxi u tapplika regoli ċari għall-etika u t-trasparenza. Huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet kollha:

- japplikaw standards ċari, trasparenti u ugwalment għoljin ta' integrità u indipendenza, b'rispett xieraq għad-differenzi tagħhom fejn xieraq; u
- jkollhom mekkaniżmi ta' kontroll u infurzar effiċjenti simili.

L-istabbiliment ta' Korp tal-Etika interistituzzjonali jista' jservi b'mod preċiż biex jinkiseb dan, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-awtonomija ta' kull istituzzjoni. Dan se jippermetti lill-istituzzjonijiet parteċipanti jibbenefikaw mill-esperjenzi reċiproċi tagħhom, jitgħallmu minn xulxin, u jistabbilixxu sett komuni ta' standards etiċi minimi.

Titjib sinifikanti jiġi minn sett komuni ta' standards minimi, kultura komuni għall-membri tal-istituzzjonijiet kollha, fehim pubbliku aħjar tal-qafas etiku, u aktar ċarezza dwar x'inhum aċċettabbli u x'ma huwiex, għal kulħadd ġewwa u barra l-istituzzjonijiet, u dwar kif l-istituzzjonijiet jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tar-regoli.

Din l-inizjattiva interistituzzjonali se turi l-importanza li l-istituzzjonijiet kollha jagħtu lil standards etiċi għoljin kif ukoll lill-implimentazzjoni tagħhom, u b'hekk se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-membri tagħhom.

Bl-istabbiliment tal-Korp tal-Etika, għall-ewwel darba se jkun hemm mekkaniżmu formali għall-koordinazzjoni u l-iskambju ta' fehmiet bejn l-istituzzjonijiet u għall-istabbiliment ta' standards komuni għall-imġiba etika tal-membri tagħhom.

Inizjattivi oħra li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' istituzzjonijiet miftuħa, trasparenti u orjentati lejn l-etika diġà wrew l-importanza ta' approċċ interistituzzjonali.

Fir-rigward tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-istrutturi u l-mekkaniżmi eżistenti wrew li kienu ta' suċċess biex jinkiseb approċċ interistituzzjonali komuni kull meta s-soġġett jitlob dan. L-ewwel nett, il-persunal tal-istituzzjonijiet kollha huwa soġġett għall-obbligi komuni u dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 11 sal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, adottati mill-Parlament u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 336 tat-TFUE. Dan jiżgura l-applikazzjoni ta' standards u regoli identiċi għas-servizz ċivili kollu tal-UE. Kull istituzzjoni adottat regoli interni biex tagħti effett lil dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, anki fil-qasam tal-etika. Biex jippermettu t-trasparenza u jippromwovu applikazzjoni konsistenti tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-regoli li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal huma kkompilati f'reġistru miżmum mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u huma s-soġġett ta' rapport ippreżentat kull 3 snin mill-

⁵ [Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2019: L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati: lok għal titjib \(europa.eu\)](#)

Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal) dwar ir-regoli adottati minn kull istituzzjoni biex jagħtu effett lir-Regolamenti tal-Persunal. L-aħħar rapport⁶ juri li kien hemm aktar konverġenza fost l-istituzzjonijiet dwar għadd sinifikanti ta' soġġetti ta' regoli ta' implimentazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar, inkluż fl-oqsma tal-etika u l-integrità.

Sabiex tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti sew għar-regoli tal-persunal, il-Kummissjoni tistieden lill-istituzzjonijiet kollha koperti mir-Regolamenti tal-Persunal biex jeżaminaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, spazju għall-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin, tagħlimiet meħuda u, fejn meħtieġ, oqsma għal aktar allinjament tar-regoli għall-persunal. Din il-ħidma tista' ssir fil-livell tal-Kulleġġ tal-Kapijiet ta' Amministrazzjoni. Il-membri tal-persunal huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim, peress li diġà hemm mekkaniżmi ta' koordinazzjoni interistituzzjonali għal kwistjonijiet etiċi tal-membri tal-persunal. Fil-limiti tar-Regolamenti tal-Persunal u permezz tal-Kulleġġ tal-Kapijiet ta' Amministrazzjoni, il-Partijiet għal dan il-ftehim għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu hilitom għal livell ekwivalenti ta' standards għal dawk adottati mill-Korp fir-rigward tad-Diretturi Ġenerali u ekwivalenti. Id-djalogu interistituzzjonali għandu jesplora wkoll l-allinjament possibbli tar-regoli u l-prattiki relatati mal-pubblikazzjoni tal-laqgħat tal-maniġers superjuri tagħhom ma' organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom fuq kwistjonijiet relatati mat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politika fl-Unjoni bħala parti mid-djalogu mal-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tikkondividi l-esperjenza tagħha, filwaqt li tibni fuq kważi 10 snin ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni interna tagħha dwar il-kwistjoni⁷.

Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza pożittiva bi ftehim preċedenti konkluż fl-2014, il-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru ta' Trasparenza obligatorju konkluż fl-2021 bejn il-Kummissjoni, il-Parlament u, għall-ewwel darba, il-Kunsill juri r-rilevanza ta' approċċ interistituzzjonali f'dak ir-rigward. Dan il-ftehim jistabbilixxi prinċipji u regoli għal approċċ koordinat kemm għar-rappreżentanza ta' interess trasparenti kif ukoll etiku, kif ukoll għal interazzjonijiet trasparenti u etiċi bejn dawn it-tliet istituzzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanti ta' grupp ta' interess fil-livell tal-UE.

Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) huwa eżempju ieħor tar-rilevanza tal-approċċ interistituzzjonali għall-implimentazzjoni tar-regoli tal-etika u tal-integrità⁸. Il-ftehim jiżgura li l-investigazzjonijiet jitwettqu f'kundizzjonijiet ekwivalenti fl-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni.

⁶ Ir-Rapport tat-28 ta' Mejju 2021 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-regoli adottati mill-Awtorità tal-Ħatra ta' kull istituzzjoni biex jiġu implimentati r-Regolamenti tal-Persunal ([COM\(2021\) 258 final](#))

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li jsiru bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni u organizzazzjonijiet jew persuni li jaħdmu għal rashom, [ĠU L 343/19, 28 ta' Novembru 2014](#)

⁸ Il-ftehim ifakkar li (skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352) l-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet f'sitwazzjonijiet serji relatati mat-twettiq ta' dmirijiet professjonali li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-uffiċjali jew ta' aġenti oħra tal-Unjoni li jistgħu jirriżultaw f'każijiet dixxiplinari jew, f'każijiet xierqa, proċedimenti kriminali jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi analogi tal-membri, tal-maniġers jew tal-membri tal-persunal mhux soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal.

3. Korp tal-etika interistituzzjonali

3.1. Kompożizzjoni

Il-kompitu tal-korp huwa li jiżviluppa standards minimi etiċi komuni għall-imġiba tal-membri tal-istituzzjonijiet u tal-korpi konsultattivi elenkati fl-Artikolu 13 tat-TUE utal-Bank Ewropew tal-Investment, jekk dan jitlob li jipparteċipa.

Il-Korp tal-Etika se jkun magħmul minn membru wieħed minn kull istituzzjoni parteċipanti, li huwa magħruf fil-Ftehim bħala “Parti”. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel u kontinwu tal-Korp, kull Parti se taħtar membru sħiħ wieħed u sostitut wieħed.

Ir-rappreżentant ta’ Parti għandu, fil-prinċipju, ikun fil-livell ta’ Viċi President. Madankollu, huwa meħtieġ li jitqiesu l-ispeċifikitajiet marbuta mar-rwol ta’ kull istituzzjoni. Din hija r-raġuni għaliex il-Ftehim propost jipprevedi li tingħata flessibbiltà lil kull Parti biex taħtar rappreżentant li ma jkunx Viċi President, fejn ma teżisti l-ebda funzjoni bħal din fil-Parti, jew fejn tali għażla ma tkunx xierqa.

Il-funzjoni tal-President tal-Korp se tinbidel kull sena f’konformità mas-sekwenza stabbilita fl-Artikolu 13 tat-TUE. F’każ li l-Bank Ewropew tal-Investment isir Parti sħiħa, huwa jżomm il-presidenza annwali wara li tkun seħħet is-sekwenza stabbilita fl-Artikolu 13 tat-TUE.

Il-ħidma tal-Korp se tiġi infurmata minn ħames esperti indipendenti li se jaġixxu bħala osservaturi u jinħatru skont proċedura li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni u b’kunsiderazzjoni għall-kompetenza tagħhom, l-esperjenza tagħhom f’funzjonijiet ta’ livell għoli, l-indipendenza u l-kwalitajiet professjonali tagħhom. Huma għandhom jattendu kull laqgħa tal-Korp u jagħtu pariri dwar kwalunkwe kwistjoni etika relatata mal-mandat tal-Korp. Huma għandhom jipprovdu wkoll opinjoni għal skambju ta’ fehmiet tal-Korp dwar l-allinjament tar-regoli interni tal-Parti mal-istandards.

Meta jaħtru esperti indipendenti, il-partijiet għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri.

Il-membri tal-Korp se jkunu appoġġati minn segretarjat, li se jkun struttura operazzjonali konġunta ospitata formalment fil-Kummissjoni. Dan għandu jkun magħmul mill-kapijiet ta’ unità, jew ekwivalenti, responsabbli mill-etika għall-membri f’kull istituzzjoni parteċipanti u l-persunal rispettiv tagħhom maħtur għal dan il-għan. Il-persuna li jkollha dik il-pożizzjoni fil-Kummissjoni għandha taġixxi bħala Koordinatur għas-segretarjat, sakemm ma tiġix maħtura persuna oħra mill-Kummissjoni bi qbil mal-Partijiet.

3.2. Kompiti

Il-Korp se jkollu tliet kompiti prinċipali:

- li jiżviluppa standards minimi komuni applikabbli għall-Partijiet kollha u għall-membri tagħhom, kif ukoll li jibda r-rieżami tagħhom, kif meħtieġ;
- li jorganizza skambji ta’ fehmiet abbażi tal-valutazzjoni magħmula minn Parti tal-allinjament tar-regoli interni tagħha stess mal-istandards imsemmija hawn fuq;

- li jippromwovi l-kooperazzjoni fost il-Partijiet dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-imġiba tal-membri tagħhom kif ukoll skambji ma' kwalunkwe korp pubbliku ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali li l-attivitajiet tagħhom huma rilevanti għar-regoli jew l-istandards tal-etika u tal-integrità.

L-adozzjoni ta' regoli u proċeduri etiċi u l-applikazzjoni tagħhom għal każijiet individwali se jibqgħu f'kull istituzzjoni, b'rispett sħiħ tal-awtonomija u l-indipendenza tagħhom.

Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, għajr l-istituzzjonijiet parteċipanti, jistgħu japplikaw b'mod volontarju s-sett sħiħ ta' standards minimi komuni kurrenti u futuri żviluppati mill-Korp għar-regoli applikabbli għall-persuni, minbarra l-membri tal-persunal tagħhom, li għandhom funzjoni simili għal dawk li jaqgħu taħt dan il-ftehim. F'dan il-każ, huma se jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet mal-membri tal-Korp tal-Etika dwar ir-regoli interni tagħhom relatati ma' oqsma fejn ġew żviluppati l-istandards. Huma se jaħtru rappreżentant għall-finijiet ta' dak l-iskambju partikolari ta' fehmiet. L-istess skambju ta' fehmiet se jseħħ meta jiġu żviluppati standards ġodda jew meta jiġu aġġornati dawk eżistenti.

3.3. Oqsma għall-istandardizzazzjoni

Il-Korp se jiżviluppa standards minimi komuni f'għadd definit ta' oqsma, li jqisu kif xieraq l-importanza ta' dawn l-oqsma għall-indipendenza u l-integrità tal-membri u tal-istituzzjonijiet li jappartjenu għalihom. L-istandards għandhom jinkludu wkoll attivitajiet għall-promozzjoni (sensibilizzazzjoni) u l-monitoraġġ tal-konformità f'kull istituzzjoni. Kwalunkwe parti tista', fi kwalunkwe ħin, tissuġġerixxi lill-Korp, li jiddeċiedi b'kunsens, biex jiżviluppa standards minimi komuni f'oqsma oħra. L-istandards għandhom ikunu komuni għall-Partijiet kollha u għalhekk għandhom jitfasslu b'mod li jirrispetta kif xieraq l-ambjent jew ir-rwol istituzzjonali differenti tagħhom.

L-istandards għandhom ikunu komuni għall-Partijiet kollha u għandhom jindirizzaw ir-riskji li huma – u l-membri tagħhom - jiffaċċjaw. L-istandards żviluppati mill-Korp, fi kwalunkwe ċirkostanza, ma humiex se jikkostitwixxu raġunijiet biex jitnaqqsu l-istandards li diġà jistgħu jiġu applikati minn parti fuq l-istess kwistjoni.

L-istandards se jkunu relatati mal-oqsma li ġejjin:

- **standards għall-interessi u l-assi li għandhom jiġu ddikjarati:** ċerti interessi u assi tal-membri jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess fit-twettiq tad-dmirijiet ta' membru jew inkella jkunu rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet. Standards komuni jgħinu lill-Partijiet kollha jirriflettu dwar il-kategoriji ta' interessi u assi li jistgħu potenzjalment jippreżentaw riskju għall-indipendenza u l-integrità tal-membri. L-istandards komuni għandhom jirriflettu wkoll fuq ir-regoli u l-proċeduri xierqa fl-istituzzjonijiet kollha li għandhom jiġu applikati għall-iskrutinju ta' dawn id-dikjarazzjonijiet.
- **standards għall-attivitajiet sekondarji / esterni tal-membri:** huwa essenzjali li jiġi żgurat li t-twettiq ta' tali attivitajiet, jekk dan għandu jseħħ, ma jikkompromettix id-disponibbiltà tal-membri għat-twettiq tal-kompiti istituzzjonali tagħhom u ma jkunx inkompatibbli magħhom. Tali attivitajiet ma għandhomx jikkompromettu l-indipendenza tal-membri, u b'hekk jitfegħu dubbi pubbliċi dwar l-indipendenza tal-istituzzjoni li jappartjenu għaliha. L-istandards għandhom jindirizzaw ir-riskji maħluqa minn ċerti attivitajiet li jistgħu jwasslu għal kunflitti ta' interess jew iwasslu, b'mod partikolari meta jitħallsu, għal kunflitt bejn l-indipendenza meħtieġa bħala membru u t-twettiq ta' dmirijiet fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet esterni.

- **standards għall-aċċettazzjoni ta' rigali, ospitalità, vjaġġar offrut minn partijiet terzi:** il-membri ma jiġux fdati b'uffiċċju pubbliku jew b'mandati pubbliċi biex jagħmlu gwadann personali minn daww il-funzjonijiet. Meta jmorru lil hinn mill-valur tal-korteżija simbolika jew jibqgħu mhux iddikjarati, l-aċċettazzjoni ta' rigali fi kwalunkwe forma jew ospitalità minn sorsi barra l-istituzzjoni toħloq riskji ta' kunflitti ta' interess u suspetti ta' influwenza, jew titqies li tinfluwenza, il-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet. L-istandards se jgħinu biex dawn ir-riskji jiġu indirizzati b'mod effettiv.
- **standards għall-aċċettazzjoni ta' għotjiet/dekorazzjonijiet/premijiet/unuri matul il-mandat:** fir-rigward tar-rigali u l-ospitalità, l-aċċettazzjoni ta' għotjiet/dekorazzjonijiet/premijiet/unuri minn membri minn sorsi barra l-istituzzjoni tista', minħabba l-prossimità maħluqa mas-sors, twassal għal riskji ta' kunflitti ta' interess u ta' nuqqas ta' indipendenza. L-istandards se jgħinu fl-allinjament tal-valutazzjoni tar-raġuni għall-unuri jew għad-dekorazzjoni u l-konsegwenzi possibbli għall-indipendenza tal-membri.
- **standards għal miżuri ta' kundizzjonalità u trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' laqgħat ma' rappreżentanti ta' grupp ta' interess u l-pubblikazzjoni tagħhom:** djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati u mar-rappreżentanti ta' grupp ta' interess huwa parti mis-sistema demokratika tal-UE u jista' jipprovi kontribut siewi sabiex tinbeda u tiġi implimentata leġislazzjoni jew politiki li jqisu bis-sħiħ l-ispeċifikitajiet tad-dominju kkonċernat. Madankollu, l-inkwadratura trasparenti ta' tali djalogu hija essenzjali, biex jiġu evitati riskji għall-istituzzjoni jew għall-membri tagħha, li jista' - anki b'mod involontarju - jiġi eżerċitat għall-benefiċċju ta' grupp ta' interess speċifiku b'effetti detrimentali possibbli għall-fiduċja pubblika u għall-interess ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Ċerti standards komuni jeżistu fir-rigward ta' laqgħat ma' rappreżentanti ta' grupp ta' interess u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwarhom skont il-ftehim interistituzzjonali dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, anki jekk ir-regoli u l-prattiki interni bejn it-tliet istituzzjonijiet iwarjaw, u għalhekk jidher li hemm bżonn ukoll ta' standards komuni. Il-miżuri ta' kundizzjonalità u trasparenza japplikaw għal oqsma oħra minbarra laqgħat u publikazzjoni ta' informazzjoni dwarhom, bħall-aċċess għall-bini tal-istituzzjonijiet, kif jitqies meħtieġ biex tiġi żgurata rappreżentanza tal-interessi li tkun trasparenti u etika. Għandhom jiġu żviluppati wkoll standards minimi komuni fir-rigward ta' dawn l-oqsma l-oħra.
- **standards għat-trattament tal-attivitajiet ta' wara l-mandat ta' eks membri u t-trasparenza tagħhom:** l-attivitajiet ta' wara l-mandat iġorru r-riskju li l-membri jużaw informazzjoni sensittiva għall-benefiċċju ta' impjegatur, klient ġdid jew professjoni ġdida, jużaw b'mod mhux dovut kuntatti jew relazzjonijiet stabbiliti fil-pożizzjoni preċedenti biex jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet fil-futur jew biex jixħtu dubbi fuq deċiżjonijiet meħuda minn detenturi ta' uffiċċju pubbliku waqt li kienu fil-kariga. Standards komuni jistgħu jindirizzaw il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali attivitajiet, it-trasparenza tagħhom u ċerti restrizzjonijiet relatati.
- **standards għall-implimentazzjoni tal-qafas komuni, anki fir-rigward tal-monitoraġġ tal-konformità u l-iżgurar ta' segwitu f'każ ta' ksur:** l-istandards dwar l-imġiba tal-membri huma essenzjali iżda ma humiex biżżejjed minnhom infushom: jeħtieġ li dawn jiġu kkomplementati minn mekkaniżmi konkreti u effiċjenti ta' implimentazzjoni u monitoraġġ kif ukoll mekkaniżmi għat-tisħiħ ta' kultura komuni ta' etika u integrità, b'mod partikolari permezz ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni. L-istandards komuni jistgħu jkun relatati mal-funzjonijiet konsultattivi interni li jassistu lill-awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni tagħhom ta' kwistjoni partikolari, jew lill-membri direttament, b'mod partikolari l-

kompożizzjoni tal-korpi tal-etika interni u l-kompiti tagħhom. Dawn jikkonċernaw ukoll il-proċeduri għall-monitoraġġ tal-konformità u l-iżgurar ta' segwitu f'każ ta' ksur. L-istandards jistgħu jkunu relatati wkoll ma' mekkaniżmi li bihom, suspetti ta' ksur tar-regoli interni f'qasam kopert mill-istandards minn membru, jistgħu jiġu rrapportati lill-OLAF u lill-istituzzjoni kkonċernata, inklużi azzjonijiet ta' segwitu dwar ir-rapport u l-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw kontra r-ritaljazżjoni.

- **standards għall-pubbliċità tal-informazzjoni miġbura taħt il-punti preċedenti.** It-trasparenza hija element ewlieni ta' Unjoni demokratika li għandha l-fiduċja u l-appoġġ taċ-ċittadini. Il-korp għandu jiżviluppa standards għat-trasparenza fl-oqsma msemmija hawn fuq, f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*⁹, pereżempju fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' interessi individwali, permezz ta' dikjarazzjonijiet speċifiċi sabiex jiġu evitati dubji dwar l-indipendenza tal-membri u tal-istituzzjonijiet li jappartjenu għalihom. It-trasparenza hija wkoll dwar il-pubblikazzjoni tal-istandards kollha li ġew żviluppati mill-korp, u r-regoli applikabbli kollha f'kull istituzzjoni fl-oqsma kollha koperti mill-istandards, b'mod partikolari permezz tas-sit web tal-korp.

3.4. Il-Korp fl-arkitettura interistituzzjonali

Il-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni jappoġġaw il-ħolqien ta' "korp tal-etika indipendenti komuni għall-istituzzjonijiet kollha" peress li l-istituzzjonijiet kollha għandhom rwol importanti fit-trawwim tal-fiduċja fl-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li ftehim bejn l-istituzzjonijiet kollha, ibbażat fuq l-awtonomija istituzzjonali tagħhom, huwa l-approċċ amministrattiv xieraq peress li jippermetti li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jipparteċipaw.

L-istabbiliment tal-Korp se jirrispetta l-awtonomija u l-indipendenza ta' kull istituzzjoni, kif ukoll il-bilanċ istituzzjonali, u d-dispożizzjonijiet differenti fit-Trattati għall-membri tal-istituzzjonijiet differenti. It-Trattati, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tat-TUE, jistabbilixxu sistema ta' kontrokontrolli fil-livell tal-UE: tali bilanċ ma jistax jiġi kkonvertit jew emendat bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-kompetenzi tal-korp mhux se jaffettwaw il-prerogattiva ta' kull istituzzjoni li tadotta regoli interni u tiegħu deċiżjonijiet fir-rigward tal-membri tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli interni hija r-responsabbiltà primarja ta' kull istituzzjoni li tiġi eżerċitata fis-sistema tal-bilanċ istituzzjonali bil-kontrokontrolli tagħha stabbiliti mit-Trattati.

Madankollu, l-istandards żviluppati mill-Korp se jiffurmaw standard komuni minimu għal allinjament ulterjuri tal-oqfsa etiċi applikabbli għall-membri tal-istituzzjonijiet parteċipanti kollha, mingħajr ma jimponu madankollu l-adozzjoni ta' sett wieħed ta' regoli etiċi komuni għal kulħadd.

Il-Korp la se jindaħal fil-funzjonijiet investigattivi u lanqas ma hu se jillimitahom b'xi mod u għalhekk mhux se jikkoinċidi mas-setgħat:

- tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) li għandu setgħat u għarfien espert sinifikanti fl-investigazzjoni ta' ksur serju ta' dmirijiet professjonali tal-membri. L-

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, *ĠUL* 295, 21.11.2018, p. 39–98.

istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha għandhom jirrikonoxxu u jappoġġaw bis-sħiħ il-mandat tal-OLAF;

- tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li jista' jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, anki meta jitwettqu minn membri tal-istituzzjonijiet, u li jistgħu jiddependu fuq is-setgħat u l-miżuri previsti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939;
- tal-pulizija nazzjonali u tal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni li jistgħu jinvestigaw kwalunkwe reat kriminali minn membru u li jistgħu jiddependu fuq is-setgħat u l-miżuri pprovduti mill-proċeduri kriminali nazzjonali; dan jinkludi l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, bħall-frodi u l-korruzzjoni, li għalihom il-Kummissjoni ppreżentat Pakkett Kontra l-Korruzzjoni fit-3 ta' Mejju, kif imħabbar mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni. Dan il-pakkett jinkludi proposta biex jiġu aġġornati u armonizzati r-regoli tal-UE dwar id-definizzjonijiet u s-sanzjonijiet fuq ir-reati ta' korruzzjoni, biex jiġu żgurati standards għoljin fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u japplika bis-sħiħ għall-membri tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE kif ukoll għall-persunal tal-UE;
- tal-Ombudsman Ewropew, li jista' jiftaħ inkjesti dwar suspetti ta' amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet u jista' jirrikjedi aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet.

F'konformità mat-Trattati, għall-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, l-istituzzjonijiet parteċipanti se jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera reċiproka.

4. Konklużjoni

L-istituzzjonijiet Ewropej, fil-missjonijiet rispettivi tagħhom, iridu jibbażaw fuq l-imġiba impekkabbli tal-membri tagħhom. Filwaqt li d-diskussjonijiet dwar l-istabbiliment ta' korp tal-etika interistituzzjonali ma humiex ġodda, hemm momentum ġdid u determinazzjoni qawwija biex dan iseħħ, filwaqt li jiġu ppreservati l-partikolaritajiet u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet differenti kollha tal-UE. L-istabbiliment tal-korp se jkun żieda mal-qafas etiku eżistenti u se jgħin fil-konsolidazzjoni u t-tisħiħ tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE u fin-nies li jagħtu servizz fihom. L-istabbiliment ta' dan il-Korp se jirrappreżenta pass sinifikanti lejn l-iżgurar li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jissodisfaw u japplikaw l-oġhla standards ta' indipendenza u integrità.

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipproponi ftehim bejn l-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-korpi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 13 tat-TUE meħmuż ma' din il-Komunikazzjoni. Fl-ispiritu ta' kooperazzjoni sinċiera, l-istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw li jintlaħaq ftehim dwar l-abbozz tat-test meħmuż mill-aktar fis possibbli, u f'tali ħin sabiex il-korp tal-etika interistituzzjonali jkun jista' jiġi stabbilit qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Fuq talba tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investment jista' wkoll isir Parti sħiħa għal dan il-Ftehim wara li jidħol fis-seħħ. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għajr il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li japplikaw b'mod volontarju s-sett kollu ta' standards komuni kurrenti jew futuri żviluppatti mill-Korp tal-Etika għar-regoli applikabbli għall-persuni, minbarra l-membri tal-persunal tagħhom, li għandhom funzjoni simili għal dawk li jaqgħu taħt dan il-ftehim. F'dan il-każ, huma se jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet mal-membri tal-Korp tal-Etika dwar ir-regoli

interni rispettivi tagħhom relatati ma' oqsma fejn ġew żviluppati l-istandards. L-istess skambju ta' fehmiet se jseħħ meta jiġu żviluppati standards ġodda jew meta jiġu aġġornati dawk eżistenti.

Din il-proposta hija parti mis-sett usa' ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni biex trawwem l-integrità u tiddefendi s-sistema demokratika tal-Unjoni.

Kif imħabbar fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett kontra l-korruzzjoni fit-3 ta' Mejju. Il-pakkett jinkludi direttiva proposta b'regoli ġodda u msaħħa li jikkriminalizzaw ir-reati ta' korruzzjoni u li jarmonizzaw il-penali madwar l-UE, kif ukoll proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, appoġġata mill-Kummissjoni, biex jiġi stabbilit reġim ta' sanzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) iddedikat biex jiġu mmirati atti serji ta' korruzzjoni madwar id-dinja. Dawn il-miżuri l-ġodda jiffokaw b'mod qawwi fuq il-prevenzjoni u l-ħolqien ta' kultura ta' integrità, li fiha l-korruzzjoni ma tkunx tollerabbli u fl-istess ħin, isaħħu l-għodod ta' infurzar eżistenti bħad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informatur tal-2019, u jaħdmu f'sinerġija magħhom.

Inizjattiva relatata oħra mħabbra fid-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022 hija l-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija.

Dawn l-inizjattivi, flimkien ma' din il-proposta, se jkomplu jsaħħu l-istabbiliment istituzzjonali tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw livell saħansitra ogħla ta' trasparenza u integrità, u għalhekk isaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fis-sistema demokratika tagħhom.